# SKEMA SM

APPLIKAZZJONI GĦAL SUSSIDJU FUQ XOGĦLIJIET TA' STRUTTURI PERIKOLUŻI FI DJAR PROPRJETA' TAL-GVERN OKKUPATI MINN INKWILINI TAĦT SKEMA SM IPPUBBLIKATA FIL-GAZZETTA TAL-GVERN DATATA 27 ta' AWWISSU 2009.

**TWISSIJA**

Kull persuna li tagħmel dikjarazzjoni falza tiġi skwalifikata għal perijodu ta' għaxar snin milli tibbenefika minn xi skema magħmula bl-approvazzjoni tal-Ministru responsabbli għad-Djar.

Minkejja kull ħaġa li tinsab fid-dispozizzjoni ta' din l-Iskema, l-Awtorita' tad-Djar ikollha d-dritt li tirrifjuta kull applikazzjoni

L-informazzjoni personali provduta fuq din l-applikazzjoni ser tintuża strettament mill-Awtorita' tad-Djar għal din l-applikazzjoni u ser tiġi pproċessata skont l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (KAP. 440). Inti tista' teżerċita d-dritt ta' aċċess u verifika għall-informazzjoni personali miżmuma dwarek billi tagħmel talba bil-miktub fl-indirizz li jidher hawn fuq.

**SABIEX TIĠI AĊĊETTATA DIN L-APPLIKAZZJONI, JINĦTIEĠ LI:-**

1. tkun mimlija kollha u ffirmata minn kull kerrej konoxxut;
2. ikollha ċekk, *cash* jew *Bill Payable* ta' € 20 f'isem 'iċ-Chairman, Awtorita' tad-Djar';
3. ikollha d-dokumenti neċessarji skond kif stipulat fl-Avviż relattiv ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta u f'Sezzjoni '5' ta' din l-applikazzjoni

Prezz:- €1

## 1 INFORMAZZJONI PERSONALI DWAR L-APPLIKANT/I

i. Isem u Kunjom: ..........

Indirizz preżenti : ..........

..........

..........

Nru tal-Karta ta' l-Identita' : .......... Numru tal-Passaport : ..........

Data tat-Twelid: .......... Tel tad-Dar: ..........

Tel tax-Xogħol: .......... Mobile: ..........

ii. Isem u Kunjom: ..........

Indirizz preżenti : ..........

..........

..........

Nru tal-Karta ta' l-Identita' : .......... Numru tal-Passaport : ..........

Data tat-Twelid: .......... Tel tad-Dar: ..........

Tel tax-Xogħol: .......... Mobile: ..........

iii. L-applikant mitlub jindika taħt liema kategorija qed japplika :-

| | | |
|---|---|---|
| a. | Koppja Miżżewġa | |
| b. | Armel/Armla | |
| c. | Ġuvni / Xebba | |
| d. | Miżżewweġ/a iżda separat/a | |
| e. | Oħrajn | |

## 2 DIKJARAZZJONI

Jiena hawn taħt iffirmat/a niddikjara li QRAJT, NAQBEL MA' U NAĊĊETTA L-KUNDIZZJONIJIET KOLLHA li hemm f'din l-applikazzjoni, fl-Avviż u fil-Gazzetta tal-Gvern relatati ma' din l-applikazzjoni.

It-Tagħrif mogħti fl-applikazzjoni hu sħiħ u korrett f'kull lat. F'każ li ma jkunx, nifhem li nitlef id-dritt għall-ħlas lura li toffri l-Iskema.

Nikkonferma li l-iskeda ta' xogħlijiet f'Sezzjoni '5' hija vera u korretta.

Jien nikkonferma li l-kera tiżdied b'6% fuq l-ammont tax-xogħlijiet skont l-estimi tax-xogħol maħruġa mill-perit tal-Awtorita' tad-Djar skont artikolu 11 tal-kundizzjonijiet kif applikabbli.

Naf u naċċetta l-kundizzjonijiet kif imniżżla fil-Gazzetta tal-Gvern li tħabbar il-Ħruġ ta' din l-Iskema, li kopja tagħha jiena ġejt mogħti/ja ma' l-applikazzjoni tiegħi.

____________________________ ____________________________

Firma ta' kull Applikant

## 3 DETTALJI DWAR APPLIKAZZJONI PENDENTI

L-applikant jindika hawn taħt jekk :

i. Ibbenefikax minn xi Skema oħra / benefiċċji ta' finanzjar u/jew xogħlijiet li jipprovdi d-Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar u/jew l-Awtorita' tad-Djar : IVA / LE

ii. Tip ta' benefiċċju/Skema li ngħata : ______________

iii. Numru tar-Riferenza : ______________

iv. Jekk iridx jirtira l-applikazzjoni taħt l-Iskema preċedenti : IVA / LE

## 4 DETTALJI DWAR IL-POST FEJN SER ISIRU X-XOGĦLIJIET

**i. Indirizz tal-Post :**

..............................................................................

..............................................................................

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **ii.**a. Il-Post jikkonsisti f' | Dar | | Appartament | | Maisonette | |
| Il-Post huwa tal- | Gvern | | Joint Office | | | |

| | | |
|---|---|---|
| b. | L-applikant/a għandu/ha tfal taħt it-18-il sena jgħixu miegħu/magħha u kemm ? | |
| c. | L-ammont ta' kera mħallsa | |
| d. | Numru tal-Kirja (Tenement no.) | |
| e. | L-applikant ilu joqgħod fil-post minn | |
| f. | L-aħħar pagament tal-kera jkopri sa | |

## 5 XOGĦLIJIET TA' STRUTTURA

a. Tibdil/tiswija f'ħitan IVA / LE

b. Tiswija fil-konkos (Spalling) IVA / LE

c. Tibdil ta' soqfa IVA / LE

d Tiswija ta' xorok / travi tal-injam jew ħadid IVA / LE

e. Tibdil ta' Kuntrabejt IVA / LE

f. Oħrajn (Spjega) IVA / LE

L-applikant hu mitlub jimmarka 'IVA' jew 'LE' fil-kaxxa.

## 6 DOKUMENTI NEĊESSARJI

Lista ta' dokumenti u ċertifikati li jinħtieġ jipproduċi l-applikant/i flimkien ma' din l-applikazzjoni (skond il-każ):

1. Fotokopja minn żewġt naħat tal-Karta ta' l-Identita' valida ta' kull applikant/i u ta' uliedu li jgħixu miegħu taħt it-18-il sena

2. L-aħħar irċevuta tal-kera mħallsa fuq il-post li fih ser isiru x-xogħlijiet

**APPLIKAZZJONIJIET LI JKOLLHOM DAWN ID-DOKUMENTI NIEQSA MA JIĠUX AĊĊETTATI.**

AWTORITA' TAD-DJAR

**Skema SM**

**Skema Għal Sussidju Fuq Xogħlijiet Ta' Strutturi Perikolużi fi Djar Proprjeta' tal-Gvern okkupati minn Inkwilini**

Iċ-Chairman tal-Awtorita' tad-Djar jgħarraf li l-Awtorita' tad-Djar qed tilqa' applikazzjonijiet għall-għotja fuq Xogħlijiet ta' Strutturi Perikolużi fi Djar Proprjeta' tal-Gvern okkupati minn Inkwilini skont il-kundizzjonijiet hawn taħt.

**1. Titolu fil-Qosor**

Din l-iskema tista tissejjaħ l-iskema għal xogħlijiet ta' strutturi perikoluzi fi Djar Proprjeta' tal-Gvern jew Uffiċċju Konġunt mikrija lill-inkwilini konoxxuti.

**2. Skop ta' l-Iskema**

Biex l-Awtorita' tad-Djar tagħmel ix-xogħlijiet neċessarji relatata mal-istruttura b'hekk il-postijiet ta' abitazzjoni mikrija lill-inkwilini jiġu abitabbli billi jiġi eliminat kull perikolu fl-istruttura.

**3. Tifsir**

F'din l-iskema, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:-

"applikant" tfisser dak li japplika għall-assistenza fi flus ħalli jiġi eliminat kull perikolu fl-istruttura fid-dar ta' abitazzjoni proprjeta' tal-Gvern jew Uffiċċju Konġunt. Taħt din l-iskema u meta l-applikazzjoni ssir minn tnejn jew aktar flimkien, għandha tinkludi l-applikanti kollha ;

"l-Awtorita'" tfisser l-Awtorita' tad-Djar, imwaqqfa bl-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-Awtorita' tad-Djar 1976; (kap. 261);

"benefiċjarju" għandu l-istess tifsira mogħtija lilu fl-artikolu 2 ta' l-att prinċipali;

"dar ta' abitazzjoni" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fil-klawsola 2 ta' l-Att prinċipali u teskludi djar li huma proprjeta' tal-privat ;

"Gvern" tfisser Gvern ta' Malta;

"preskritt" tfisser preskritt mill-Awtorita';

"L-Att Prinċipali" tfisser l-Att XXIII ta' l-1988 biex tħajjar persuni isiru sid darhom;

« tiswijiet strutturali » jitqiesu dawk li għandhom x'jaqsmu mal-binja nnifisha tal-fond, inkluzi s-soqfa ;

"Kerrej Konoxxut" tfisser persuna li qed tokkupa dar tal-Gvern ta' abitazzjoni (residenza ordinarja) b'titolu ta' kera mingħand il-Gvern.

F'din l-iskema s-singular jimporta l-plural u l-maskil jimporta l-femminil.

**4. Applikazzjonijiet għall-għajnuna taħt din l-Iskema**

(i) Persuna li tikkwalifika biex tapplika għall-għajnuna taħt din l-iskema għandha timla formola preskritta mill-Awtorita' biex titlob għajnuna għall-xogħlijiet fuq strutturi perikoluzi fid-dar ta' abitazzjoni okkupata minnha bħala r-residenza ordinarja tagħha.

(ii) L-Awtorita' tad-Djar tagħmel ix-xogħol meħtieġ permezz ta' ħruġ ta' tenders sabiex jiġi eliminat perikolu fl-istruttura. Hija fid-diskrezzjoni assoluta tal-Awtorita' li taċċetta jew tirrifjuta xogħol li jsir mill-inkwilini permezz ta' kuntrattur privat bi spejjeż tal-Awtorita'.

**5. Kwalifika għall-Applikazzjoni għall-għajnuna taħt din l-Iskema**

Persuna tikkwalifika biex tapplika għall-għajnuna taħt din l-Iskema jekk:-

(a) hija l-kerrej konoxxut tad-dar proprjeta' tal-Gvern jew Uffiċċju Konġunt li fuqha qed ssir it-talba għall-għajnuna mogħtija taħt din l-iskema; u

(b) (i) il-kerrej u martu / żewġha huma residenti f'Malta u ilhom igħixu Kontinwament f'Malta għal mill-anqas tnax-il xahar konsekuttivi li jiġu mmedjatament qabel id-data ta' l-applikazzjoni; u

(ii) f'każ ta' koppja miżżewġa li m'humiex separati legalment jew *de facto*, l-applikazzjoni għall-għajnuna taħt din l-iskema għandha issir flimkien *"in solidum"*; u

(c) l-użu tal-fond bħala residenza huwa skont il-liġi; u

(d) il-fond li fuqu qed tintalab l-għajnuna ma jinsabx fi *slum area* li eventwalment għandu jiġi demolit ; u

(e) il-kera tkun qiegħda tiġi mħallsa puntwalment mill-inkwilini.

**6. Metodu ta' Applikazzjoni**

(i) Persuna li tikkwalifika biex tapplika għall-għajnuna taħt din l-iskema għandha tissottometti applikazzjoni fuq formola preskritta jew online (fejn applikabbli) u għandha tirritorna l-istess formola personalment lill-Awtorita' waqt il-ġranet u ħinijiet ta' l-uffiċċju jew online.

(ii) Il-formoli jistgħu jingħabru mill-Awtorita' tad-Djar 22, Triq Pietro Floriani, Floriana u mill-fergħa ta' l-Awtorita' tad-Djar 25, Triq Enrico Mizzi, Victoria, Għawdex jew fuq is-sit elettroniku tal-Awtorita'.

**7. Ħlas Amministrattiv u Abbandun ta' Applikazzjonijiet**

(i) Kull applikazzjoni għall-għajnuna taħt din l-iskema għandha tiġi ppreżentata personalment minn wieħed mill-applikanti lill-Awtorita' jew online u din l-applikazzjoni ma tiġix aċċettata kemm-il darba ma jkunx hemm magħha s-somma ta' għoxrin Ewro (€ 20) bħala ħlas amministrattivi li ma humiex rifondibbli.

(ii) Meta xi applikant taħt din l-iskema jonqos li jidher għall-ftehim meta jkun imsejjaħ biex jagħmel hekk mill-Awtorita', l-applikazzjoni tiegħu titqies li ġiet abbandunata, u l-Awtorita' tkun tista tirrinunzja li tagħti l-għajnuna jekk l-applikant jersaq wara d-data indikata lilu.

**8. Għajnuna għal Xogħlijiet fl-Istruttura**

(1) L-għajnuna għall-xogħlijiet taħt din l-iskema ma tingħatax mill-Awtorita':-

(i) għall-xogħlijiet li jkunu diġa saru qabel l-approvazzjoni ta' l-applikazzjoni biex isir dan ix-xogħol, u jekk dan ix-xogħol ma jkunx ġie ċertifikat bħala neċessarju minn Perit nominat mill-Awtorita' għal dan l-iskop; u/jew

(ii) jekk l-Awtorita' jidrilha li r-raġuni/jiet li kkaġunaw dan ix-xogħlijiet ġiet/ġew ikkaġunati minn negliġenza ta' l-applikant, jew minn nuqqas fit-twettieq tal-obbligi tiegħu.

(2) Ix-xogħlijiet approvati taħt din l-iskema iridu jiġu ikkunsidrati bħala vijabbli fid-diskrezzjoni assoluta ta' l-Awtorita'.

**9. Kundizzjonijiet għall-Assistenza**

Id-dar li tikkwalifika għall-għajnuna mogħtija taħt din l-iskema għandha tintuża u tiġi okkupata mill-inkwilin esklużivament bħala r-residenza ordinarja tagħhom għall-perijodu ta' mhux anqas minn għaxar snin mid-data tal-pagament finali tax-xogħlijiet ta' rranġar u titjib.

**10. Piena għal Dikjarazzjoni Foloz**

(i) Jekk f'xi żmien jirriżulta li l-kerrej ikun għamel dikjarazzjoni jew ikun ta informazzjoni mhux korretta jew ippreżenta dokumenti mhux korretti għall-finijiet ta' l-applikazzjoni magħmula minnu taħt id-dispożizzjonijiet ta' din l-iskema, mingħajr preġudizzju għal xi piena li huwa jkun seta sar suġġett għaliha taħt xi liġi oħra, il-kerrej u meta l-applikazzjoni tkun saret flimkien *in solidum* ma' persuna oħra l-kerrejja flimkien u *in solidum* ikun/u suġġett/i għal pagament lill-Awtorita' ta' penali ekwivalenti għas-somma totali tax-xogħlijiet.

(ii) Kull persuna li tagħmel xi dikjarazzjoni falza, jew tagħti informazzjoni jew dokumenti mhux korretti kif provdut fil-paragrafu (i) ta' dan l-Artikolu jkun, flimkien ma' xi persuna oħra li magħha hu/hi kienu applikaw flimkien u *in solidum,* ikun/u wkoll skwalifikat/i għall-perjodu ta' għaxar (10) snin milli jibbenefika/w taħt xi skema magħmula bl-approvazzjoni tal-Ministru responsabbli għad-Djar, u jitlef/jitilfu d-dritt għal kull sussidju taħt din l-iskema.

**Tali dikjarazzjoni skorretta jew falza jew tali preżeżentata ta' dokumenti skorretti jew foloz jistgħu jesponu lill-applikanti għal proċeduri kriminali.**

## 11. Awmentar ta' Kera

Il-Kera li l-inkwilini jkunu qed ihallsu tiġi awmentata b'sitta fil-mija (6%) tal-valur tax-xogħlijiet magħmula/mħallsa mill-Awtorita' tad-Djar

F'każ li l-applikant jirrifjuta li jsiru x-xogħlijiet mill-Awtorita' tad-Djar u l-inkwilin jagħmel ix-xogħol hu bi spejjeż tiegħu, il-kera tibqa' ma tinbidilx ; iżda l-inkwilin f'dan il-każ ma jkollu ebda dritt għal kumpens, lanqas parzjali, għal dawn it-tiswijiet strutturali meta l-kirja tintemm.

F'każ li l-applikant ikun irid jagħmel ix-xogħol hu bi spejjeż tal-Awtorita' permezz ta' kuntrattur privat, hija fid-diskrezzjoni assoluta tal-Awtorita' li taċċetta jew tirrifjuta li dan isir. Jekk ix-xogħol isir mill-applikant permezz ta' kuntrattur privat, ix-xogħlijiet approvati mill-Awtorita' għandhom jitlestew fi żmien stipulat mill-Awotrita' mid-data ta' l-approvazzjoni li awtorizzaw ix-xogħol ta' strutturi perikolużi.

## 12. Dritt ta' Rifjut ta' Applikazzjoni

Minkejja kull ħaġa li tinsab fid-dispożizzjonijiet ta' din l-iskema l-Awtorita' jkollha d-dritt li tirrifjuta kull applikazzjoni u d-deċiżjoni tagħha tkun finali u mhux sindakabbli. L-Awtorita' ikollha l-jedd li twaqqaf u / jew tirtira din l-iskema u ikollha dritt ukoll tibdel il-kondizzjonijiet tagħha f' kull każ anke b' mod retroattiv u ebda persuna għalhekk ma għandha tqis li din l-iskema tagħtih xi dritt akkwiżit. U tali bdil ma jesponix lill-Awtorita' għal xi azzjoni għad-danni. Applikazzjoni li tkun ġiet milqugħa tista wara tiġi rifjutata jekk ikunu ġew mibdula il-kundizzjonijiet tal-iskema wara l-ilqugħ tal-applikazzjoni.

## 13. Validita' ta' l-Iskema

Din l-iskema tibqa sseħħ għall-perijodu ta' sena mid-data ta' l-ewwel publikazzjoni ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern u tkun imġedda awtomatikament għal perijodu ta' sena sakemm ma jiġix ippublikat fil-Gazzetta tal-Gvern li l-Iskema tkun ġiet magħluqa u / jew mitmuma.

## 14. Emendi għall-Iskema

L-Awtorita' iżżomm id-dritt li tagħmel kwalunkwe emenda neċessarja għal din l-iskema billi tippubblika dawn l-emendi fil-Gazzetta tal-Gvern. Tali emendi jistgħu jsiru anke b' mod retroattiv. Ebda emenda ma tista' tesponi lill-Awtorita' għal xi azzjoni ta' danni jew għal xi azzjoni oħra

## 15 Interpretazzjoni

F'kull każ qed jiġi ribadit li f'każ ta' diverġenza bejn it-text Malti u dak Ingliż, it-text Malti għandu jipprevali. U fejn jirriżulta diverġenza bejn dak li jirriżulta minn din l-iskema u il-kuntratt jew kull dokument ieħor magħmul biex iwettaq din l-iskema, għandu japplika l-artikolu l-aktar favorevoli għall-Awtorita'.

## 16. Talba għall-xogħlijiet addizzjonali

Applikanti li bbenefikaw taħt din l-iskema jistgħu jitolbu għajnuna taħt din l-Iskema għall-aktar xogħlijiet differenti relatati ma' l-istruttura tal-fond.

28 ta' Awissu 2009